MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Mandat Numru. 1286/2012/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1286/2012/RCP fl-ismijiet:-**

**Carmela Sciberras (ID569029M)**

**vs**

**Piju Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Carmela Sciberras prezentat fil-31 ta' Awwissu 2012 a fol 1 tal-process fejn esponiet illi ghandha nteress li jitharsu l-jeddijet taghha u sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimat milli jissokta b' xoghlijiet li qed jigu ezekwiti fuq posti mill-art proprjeta` tar-rikorrenti u li ilha l-pussess taghha ghal

dawn l-ahhar hamsin sena u liema art tinsab fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar kontrada ta' Burmarrad u msejha "Ta' wara r-Razzett" li ghandha kejl komplessiv ta' cirka 1480mk u kif tidher delineata fuq l-anness pjanta Dok "A". Ghaldaqstant l-esponenti umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hurg ta' mandat ta' inbizzjoni.

Rat id-digriet tal-31 ta' Awwissu 2012 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-4 ta' Settembru 2012, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat datata 20 ta' Settembru 2012 a fol 14 tal-process fejn talbu illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-28 ta' Settembru 2012 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Raphael Fenech Adami ghar-rikorrenti u Dr. Joseph Schembri ghall-intimat prezenti. Ghar-rikorrenti dehru Carmelo Sciberras u Salvina Sciberras. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Il-Qorti tiddisponi mill-istess billi wara li rat ir-rikors datat 31 ta' Awwissu 2012, u rat ir-risposta datata 20 ta' Settembru, 2012 u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tiddeciedi billi ssostni li peress li rrizulta li ma hemmx l-elementi necessarji sabiex tali mandat jigi milqugh anke peress li ma hemmx xoghol xi jsir, u ma hemmx allura skop ta' xi forma tal-inibizzjoni ghax ix-xoghol tlesta f'dik il-parti kkontestata bejn il-partijiet. Il-Qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-31 ta' Awwissu 2012 fejn kienet laqghet it-talba provizorjament.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Rikors degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------